IL-PRESIDENT TA' MALTA

**5 ta' Frar 2016**

**L-Onor. Prim Ministru**
**Berġa ta' Kastilja**
**Il-Belt Valletta**

Onor Prim Ministru

**L-ittra tiegħek indirizzata lili bħala *Chairman* tal-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja, bid-data ta' l-4 ta' Frar 2016, għaddejtha lill-Kummissjoni.**

**Wara li l-Kummissjoni ddeliberat dwar it-talba tiegħek f'dik l-ittra, il-Kummissjoni tat il-parir tagħha u li qed nehmeż ma' din in-nota.**

M-L Coleiro Preca

**Marie-Louise Coleiro Preca**

**Parir mogħti mill-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja skont l-ittra tal-Prim Ministru indirizzata lic-Chairman tal-Kummissjoni bid-data ta' l-4 ta' Frar 2016**

Il-Kummissjoni qed tagħmel riferenza għall-ittra tal-Prim Ministru datata l-4 ta' Frar 2016, li biha talab parir dwar jekk l-Avukat Ingrid Zammit Young tissodisfax ir-rekwiżiti kollha li trid il-Kostituzzjoni biex isservi ta' Maġistrat fil-Qrati Inferjuri jew inkella jekk hemmx impedimenti li ma jippermettux il-ħatra tagħha fil-kuntest imfisser fl-istess ittra.

Il-parir tal-Kummissjoni huwa kif ġej:

1. Il-Kummissjoni tagħmilha ċara li l-interpretazzjoni awtorevoli ta' dak li tipprovdi l-Kostituzzjoni tispetta unikament lill-Qorti Kostituzzjonali u għalhekk ma taqax fil-kompetenza ta' din il-Kummissjoni;

2. Fil-fehma tal-Kummissjoni hemm il-possibilita' li jeżisti impediment skont il-Kostituzzjoni sabiex l-Avukat Ingrid Zammit Young tinħatar Maġistrat fil-Qrati Inferjuri. Dan għaliex, kif jingħad fl-ittra tal-Prim Ministru, l-istess Avukat f'dawn l-aħħar xhur serviet bħala Chairman tal-Kummissjoni dwar l-Impjiegi, u l-artiklu 120 (4) tal-Kostituzzjoni jipprovdi li membru ta' dik il-Kummissjoni "m'għandux għeluq perjodu ta' tliet snin li jibda mill-ġurnata li fiha kellu kariga jew aġixxa l-aħħar bħala membru, ikun eliġibbli għal ħatra jew biex jaġixxi f'xi kariga pubblika.";

3. L-artiklu 124 (1) tal-Kostituzzjoni jipprovdi li: "kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra": "kariga pubblika" tfisser kariga bi ħlas fis-servizz pubbliku, u "servizz pubbliku" skond l-artiklu 124 (2) tinkludi servizz fil-kariga ta' Maġistrat tal-Qrati Inferjuri;

4. Il-Kummissjoni ma tarax li r-rabta tal-kliem ta' l-artiklu 120 (4) tal-Kostituzzjoni teskludi l-kariga ta' Maġistrat mit-tifsira ta' kariga pubblika.